# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Illum, il-Hamis 18 ta' Frar 2016**

**Rikors numru 437/15**

**Direttur tad-Dipartiment ghall-Istandards fil-Harsien Socjali**

**v.**

**Sharon Rose Roche nee' Bellamy**

**Il-Qorti:**

Dan hu provvediment moghti fuq rikors prezentat mill-intimata Sharon Rose Roche ghat-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza moghtija fit-30 ta' Ottubru 2015 minn din il-Qorti li permezz taghha gie ordnat li t-tifel minuri tal-intimata u ta' zewgha jigi ritornat lura lejn l-Ingilterra taht il-modalitajiet stabbiliti fl-istess sentenza.

L-intimata qed tibbaza t-talba taghha fuq id-dispost tal-Artikolu 823 [2] tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili b'referenza ghall-kawza ta' ritrattazzjoni maghmula minnha u li tinsab pendenti quddiem din il-Qorti, issa diversament komposta.

Minn naha tieghu r-rikorrent Direttur tad-Dipartiment ghall-Istandards Fil-Harsien Socjali [id-Direttur] qed jopponi ghat-talba tal-intimata ghax; *"bit-twaqqif tal-imsemmija sentenza l-minuri qieghed ukoll jigi separat kompletament mill-gheruq tal-habitual residence tieghu …. fejn tidhol edukazzjoni, kultura, familjari, hbieb u attivitajiet socjali"* u dan, bi pregudizzju ghall-interessi tal-minuri.

Id-Direttur ukoll indika li, in segwitu ghas-sentenza fuq citata, l-intimata istitwiet proceduri kostituzzjonali [nru.81/2015] li ghadhom pendenti u issenjala li dan qed jikkreja pregudizzju kbir lill-minuri.

Waqt is-sottomissjonijiet orali maghmula mid-difensuri quddiem din il-Qorti fis-seduta tat-8 ta' Frar 2016 l-intimata irreferiet ghall-verbal maghmul mill-partijiet fil-kawza numru 59/2015[JPG][1] fl-ismijiet **Roche Sharon Rose noe v. L-Avukat Generali et** li kienet quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali u li kienet giet istitwita fil-mori tal-proceduri ordinarji. Dan il-verbal jaqra hekk hekk:-

[1] Din kienet giet istitwita waqt li l-proceduri fil-kawza nru.10/2015 quddiem il-Qorti tal-Magistrati Ghawdex kienu ghadhom pendenti. Wara l-verbal tas-17 ta' Lulju 2015 il-kawza kostituzzjonali giet ceduta dak in-nhar stess..

> "Dr Alfred Grech jissottometti illi jekk jinghata garanzija mid-Dipartiment tal-Istandard ghall-Harsien Socjali li, wara li jkun hemm ezitu fil-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati Ghawdex fir-Rikors Nru 10/2015 u wara jkun hemm ezitu fl-appell, jekk ikun il-kaz, ir-rikorrenti tkun tista ssegwi din il-procedura ta' ksur ta' dritt fundamentali tal-bniedem taht Art 8 tal-Konvenzjoni Ewropea u sakemm isiru [recte: jigu] konkluzi definittivament il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Prim Awla (Kostituzzjonali), it-tifel ma jittiehidx lura qabel il-punt Kostituzzjonali jigi konkluz definittivament quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, huwa jirtira dan ir-rikors.
>
> "Dr Christian Falzon Scerri ghall-intimati u b'mod specjali ghad-Dipartiment intimat, wara li kkonsulta mad-Direttur, jiddikjara li, jekk kemm-il darba wara li jinghalqu l-proceduri ordinarji quddiem il-Qrati taghna tigi milqugha t-talba tad-Direttur intimat anki fi stadju ta' appell biex il-minuri jigi ritornat fir-Renju Unit u jekk kemm-il darba fi zmien gimghatejn ir-rikorrenti tressaq proceduri kostituzzjonali jew konvenzjonali biex twaqqaf dan ir-ritorn, id-Dipartiment mhux ser jipprocedi bl-esekuzzjoni tar-ritorn tat-tifel, b'dan li jekk il-proceduri Kostituzzjonali/Konvenzjonali ma jinfethux fi zmien 15-il jum wara li l-proceduri ordinarju jsir res judicata, id-Dipartiment ha jipprocedi bl-esekuzzjoni tar-ritorn."

Sussegwentement ghall-gheluq tal-proceduri ordinarji fit-30 ta' Ottubru 2015 l-intimata istitwiet il-kawza kostituzzjonali numru 81/2015 [AF][2] fil-11 ta' Novembru tal-istess sena u ghalhekk fit-terminu ta' hmistax -il gurnata miftiehem fl-istess verbal.

Din il-Qorti tosserva li skont il-verbal fuq citat, li fil-ligi jorbot fit-termini tieghu lill-partijiet li ghamluh, dawn qabblu li l-esekuzzjoni tas-sentenza tat-30 ta' Ottubru 2015 titwaqqaf sakemm jigu konkjuzi l-proceduri kostituzzjonali li kellhom jigu istitwiti u li fil-fatt gew istitwiti, wara li l-proceduri quddiem il-qrati ordinarji kienu intemmu defenittivament. Konsegwenza ta' dan, sakemm jigu konkjuzi defenittivament il-proceduri

[2] Bazata fuq l-artikoli 38 u 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni

kostituzzjonali li ghadhom pendenti, il-minuri ma jistax jigi ritornat lura lejn l-Ingilterra u ghalhekk it-talba maghmula mill-intimata permezz tar-rikors in dizamina f'dan l-istadju hija intempestiva ghax sal-konkluzjoni tal-proceduri kostituzzjonali l-posizzjoni legali tinsab regolata bit-termini tal-verbal fuq citat.

Ghaldaqstant din il-Qorti tiddisponi mir-rikors odjern billi f'dan l-istadju tirriserva li tipprovdi ulterjorament, jekk ikun il-kaz, sakemm jigu finalizzati l-proceduri kostituzzjonali.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb